MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Numru 1125/2006

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Bartolo)

vs

Justin Bartolo

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputat Justin Bartolo detentur ta' karta ta' identita' numru 269683M, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-20 ta' Mejju 2006 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf Lira Maltija.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni f'din l-ewwel dehra fl-liema ammissjoni huwa insista fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b'ricettazzjoni.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu qeghdha konsegwentement issibu hati tal-akkuza. Rat l-Artikolu 334 tal-Kap 9 u tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' tmintax-il xahar mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------